**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-25 t' Ottubru, 2019**

**Talba Numru: 465/2018 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 25**

**The Gofer Limited (C49172)**

**Level 0,**

**Central Business Centre,**

**Mdina Road,**

**Zebbug, Malta**

**Vs**

**Sierra Group Malta Limited (C72217) et**

**3, Triq Filippu Farrugia,**

**Zurrieq**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat mis-socjeta' attrici li permezz tieghu talab li l-konvenuti solidalment jigu ordnati jhallsu lill-istess socjeta' attrici s-somma ta' erbat elef tmien mija u wiehed u sebghin ewro u hdax-il centezmu (€4,871.11c) dovuta ghal konsenja ta' diversi partiti ta' merkanzija u merce relatat mal-generu tan-negozju ta' stationery li sar mis-socjeta' attrici lis-socjeta konvenuta; li permezz ta' ftehim ta' kreditu data 23 ta'

Marzu, 2016 il-konvenuta Denise Grech intrabtet solidalment mas-socjeta' konvenuta ghal hlas tal-merkanzija u merce mibjugha u kkonsenjata mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta.

Ra r-risposta tal-konvenuti li permezz taghha huma eccepew li t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dan billi l-ammont mhux dovut; li l-intimati ma ghandhomx relazzjoni guridika mal-partijiet.

Sema' x-xhieda ta' Sarah Bartolo a fol 24 et Operations Manager mas-socjeta' konvenuta tispjega dwar l-ordni li saret mis-socjeta' konvenuta lis-socjeta' attrici u l-ftehim li kien hemm bejniethom li kopja tieghu giet esebita seduta stante u d-dokumenti kollha esebiti mill-istess xhud.  Bartolo spjegat li l-ammont mitlub ghadu dovut.

Ra l-verbal tat-30 ta' Mejju, 2019 li permezz tieghu s-socjeta' attrici ddikjarat li ma ghandhiex aktar provi.

Ra li fis-seduti tal-11 ta' Lulju, 2019 u tal-04 ta' Ottubru, 2019 hadd mill-konvenuti ma deher u lanqas provi ma resqu ghalkemm il-kawza kienet ghal provi taghhom.

Ra l-verbal tal-04 ta' Ottubru, 2019 li permezz tieghu t-Tribunal ddikjara l-provi tal-konvenuti maghluqa u halla l-kawza ghas-sentenza

Ikkunsidra,

Li s-socjeta' attrici bieghet lis-socjeta' konvenuta diversi partiti ta' merkanzija u merce relatat man-negozju ta' stationery u li l-konvenuta Denise Grech dahlet garanti solidali mas-socjeta' konvenuta rigwardanti dan in-negozju.

Ra li s-socjeta' attrici ppruvat sodisfacentement il-kaz taghha.

Ra li l-konvenuti naqsu li jipproduci ebda prova in sostenn tal-eccezzjonijiet taghhom.

Ghal dawn il-mottivi dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jordna lill-konvenuti in solidum sabiex ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta'

erbat elef tmien mija u wiehed u sebghin ewro u hdax-il centezmu (€4,871.11c) bl-imghax kummercjali dekorribbli mit-03 ta' Mejju, 2017 sad-data tal-hlas effetiv.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali numru 837/2018 a karigu tal-konvenuti in solidum.

**Dr Anna Mallia**
**Gudikatur**